**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 219/2016 CFF**

**L-Avukat Joseph Ellis u l-P.L. Jean Pierre Busuttil**
**Vs**
**Ir-Registratur tal-Qorti u**
**l-Awtorita' ta' Malta tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**ghal kwalunkwe interess li jista' jkollha**

**Illum 13 ta' Lulju 2021**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tal-atturi, l-Avukat Joseph Ellis u l-P.L. Jean Pierre Busuttil, ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kapitolu 12, fejn esponew:

Illi wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Infurjuri tat-18 ta' Mejju 2016 fir-rikors ta' ritrattazzjoni Nru. 26/2013 AE fl-ismijiet "Silvio Debono, Winston Azzopardi, Barry Doughty, Alex Vella, Tony Galea, Peter Bonnici, Edward Cassar, Ronald Mifsud, Luiggi Faut u Peter Bregman vs L-Awtorita' ta' Malta tal-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamat in kawza Ray Fenech, ir-Registratur tal-Qorti rrilaxxa t-taxxa ufficjali tad-drittijiet u spejjez illi hija hawn allegata bhala Dok "A".

Illi d-dritt tal-esponenti gie intaxxat fl-ammont ta' €150 u €50 rispettivament illi huwa ferm baxx tenut kont illi din kienet kawza ta' ritrazzjoni ta' kawza ferm kumplessa f'materja tal-ippjanar u li ghandha impatt fuq zvilupp kbir f'tas-Sellum fil-Mellieha.

Illi skont il-paragrafu 15(b) tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kapitolu 12, dina l-kawza kellha tigi intaxxata bejn €46.59 u €698,81 filwaqt illi skont il-paragrafu 38 tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kaptiolu 12, id-dritt dovut kellu jizdied b'terz peress illi din il-kawza kienet fl-istadju tal-appell.

Illi ghaldaqstant huwa ferm evidenti illi l-ammont intaxxat bhala dritt dovut lill-esponenti huwa ferm baxx u ma jirriflettix ir-responsabbilita' professjonali illi garrew u x-xjenza legali illi kienu jehtiegu sabiex il-klijenti taghhom jirbhu l-kawza in kwistjoni.

Illi ghaldaqstant l-esponenti qed jitolbu lill-Qorti sabiex joghgobha tordna lill-intimat Registratur tal-Qorti jirritassa d-drittijiet dovuti lilhom f'ammont konsonanti mar-responsabbilita' professjonali illi garrew u x-xjenza legali illi kienu jehtiegu fil-kawza de quo.

Rat ir-**Risposta tal-Awtorita' intimata** fejn esponiet bir-rispett:

Illi preliminarjament, l-Awtorita' esponenti ma gietx citata korrettement u trid issir id-debita korrezzjoni fl-okkju;

Preliminarjament, u minghajr hsara ghall-premess, l-azzjoni attrici hi monka ghaliex ma saritx kontra kull min ghandu interess.

Illi bla hsara ghall-premess, t-taxxa ufficjali tad-drittijiet u spejjez mertu tar-rikors odjern giet komputata korrettement u skont dak provdut fid-dispozizzjonijiet tas-subinciz (16) tal-Artikolu 41 tal-Kapitolu 504 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant ma hemm ebda lok ta' revizjoni tal-imsemmija taxxa in kwantu l-metodu ta' ntaxxar uzat jikkonforma perfettament mat-tariffi impost mil-Ligi;

Illi in oltre jigi rrilevat li l-paragrafu 38 tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma kellux, u m'ghandux, jigi applikat fil-komputazzjoni tt-taxxa relattiva ghall-proceduri gudizzjari numru 26/2013 AE fl-ismijiet “Silvio Debono et vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et”, li gew konkluzi bis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-18 ta' Mejju 2016, in kwantu l-imsemmija proceduri ma kienux proceduri ta' appell, izda proceduri ta' ritrattazzjoni, minn sentenza ta' “appell pprezentat skont l-Artikoli 41 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Izvilupp (Kap 504) ghal lieam appell tapplika taxxa specifika, u cioe' dik indikata fil-paragrafu 15(b) tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. It-taxxa kontestata mir-rikorrenti permezz ta' dawn il-proceduri taqa' perfettament fil-parametri tal-ammont li ghandu jigi ntaxxat skont l-imsemmi paragrafu 15(b);

Illi fi kwalunkwe' kaz, l-Awtoirta' m'ghandhiex tahti l-ispejjes relatati ma' dawn il-proceduri, jkun xi jkun l-ezitu, in kwantu t-taxxa kontestata mir-rikorrenti ma gietx komputata minnha (l-Awtorita').

Illi salvi eccezzjonijiet ohra permessi bil-ligi, u bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Rat ir-**Risposta tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali** fejn espona bir-rispett:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda *in toto* bl-ispejjez ghar-ragunijiet esposti hawn taht:

2. Illi din hija kawza ta' ritassa li qed issir ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kodici tal-Procedura (Kapitolu 12) u li qed tattakka t-taxxa mahruga fit-8 ta' Awwissu 2016 relattiva ghal kawza Silvio Debono et vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et bin-numru 26/2013/1 AE deciza mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Mejju 2016;

3. Illi l-kawza li taghha qed tintalab li ssir ir-ritassa hija kawza ta' ritrattazzjoni ta' kawza gia deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) deciza fid-19 ta' Frar 2014;

4. Illi huwa maqbul illi kawza ta' ritrattazzjoni tigi intaxxata bhala dikjarazzjoni fuq punt ta' ligi jew ta' fatt;

5. Illi tali dikjarazzjonijiet jigu ntaxxati a bazi tas-sezzjoni 15(a) tat-Tariffa E annessa mal-Kodici tal-Procedura (Kap. 12) li precizament jghid hekk:

15. (a) Ghal kull dikjarazzjoni ohra mehtiega li jkun fiha d-decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt ………………………………………………………. Minn 23.29 sa 232.94;

6. Illi, minn dan huwa car li r-registratur kellu jintaxxa din il-kawza fil-limit impost mit-tariffa u cioe' li d-dritt tal-avukat kellu jkun minn €23.29 sa €232.94;

7. Illi hija fil-mansjoni tar-registratur li juza d-diskrezzjoni teighu meta jintaxxa l-kawzi specjalment meta t-tariffa taghti minimu u massimu – ara Sez. 46 tat-Tariffa E;

8. Illi fir-rigward taz-zieda b'terz fl-appell dan ma jregix peress li l-kawza li taghha qed tintalab li ssir ir-ritassa ma hijiex appell imma ritrattazzjoni tal-appell;

9. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez;

10. B'rizerva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

Rat id-dokumenit u l-atti kollha pprezentati.

Rat il-process 26/2013 MCH Silvio Debono et vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et li gie allegat mal-kawza odjerna.

Rat is-sentenza preliminari datata 16 ta' Ottubru 2018 moghtija minn din l-istess Qorti.

**Emmanuel Sciriha**, jispjega li kawza ta' ritrattazzjoni dejjem tigi ntaxxata bhala punt ta' ligi. Jispjega li l-Artiklu 811 tal-Kap 12 jirregola l-punti fuq x'hiex jista' jintalab ir-ritrattazzjoni u ghalhekk din il-kawza inhadmet a bazi ta' Artiklu 15A tat-tariffa annessa mal-Kap 12 li l-ammonti huma ta' bejn €23.29 u €232.94. Hija fid-diskrezzjoni tar-Registratur ta' kemm ghandu jigi ntaxxat il-kaz.

Emmanuel Sciriha rega' xehed fit-3 ta' Novembru 2020 fejn ikkonferma li kawza ta' ritrattazzjoni tinhadem bhala punt ta' ligi hekk kif jitlob l-Artiklu 811 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ikkonferma li t-taxxa inhadmet a bazi ta' l-Artiklu 15A tat-Tariffa I annessa mal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Jispjega li l-Artiklu 811 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma jitkellimx fuq kwistjonijiet ta' valur. Is-sur Sciriha spjega kif ritrattazzjoni ma tistax tigi valutata.

**Ikkunsidrat:**
Illi din hija kawza ta' ritassa fejn ir-rikorrent Dr Joseph Ellis qieghed jikkontendi li t-taxxa kif giet mahduma ghal hlas tad-dritt tieghu gie intaxxat hazin meta ha fl-ammont ta' 150 Euro u 50 Euro. Illi jkompli jghid li din it-taxxa kellha tinhadem skont il-paragrafu 15(b) tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi jekk kellha tinhadem skont dan il-paragrafu allura dak li huwa dovut ghal hlas tad-dritt kellu jkun ferm ghola u jvarja bejn 46.59 Euro u 698.81 Euro filwaqt li kellha tizdied b'terz skont il-paragrafu 38 tat-Tariffa E tal-iskeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi filwaqt ir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunal irrisponda li l-ammont dovut kien wiehed mahdum skont il-paragrafu 15(a) tat-Tariffa E fejn fuq id-diskrezzjoni tieghu jista' jintaxxa bejn 23.29 Euro sa 232.94 Euro. Illi ma dan zied jghid li l-ammont ta' zieda ta' terz ma jreggiex ghax kawza ta' ritrattazzjoni ghax ma hiex appell u ghalhekk ma jistax jizdied it-terz. Filwaqt l-Awtorita' konvenuta f'dan il-kaz ukoll

taqbel li t-taxxa hekk mahduma kienet wahda gusta u dan skont it-tariffa u mhux kif qieghed jindika r-rikorrent fit-talbiet tieghu.

Illi r-rikorrent qieghed jikkontendi li l-kawza ta' ritrattazzjoni ghandha tigi meqjusa bhala appell u mhux kawza per se. Illi meta xehed id-Direttur Emmanuel Sciriha spjega li kawzi ta' ritrattazzjoni dejjem inhadmu fuq punt ta' ligi u dan skont ma' hemm fl-Artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jelenka instanzi fejn tista' ssir kawza ta' ritrattazzjoni u ghalhekk din il-procedura hija wahda ristretta. Illi kompla jispjega li kawza ta' ritrattazzjoni mhux appell f'dan il-kaz.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tibda billi tosserva illi ma hemm l-ebda dubju li l-azzjoni odjerna mressqa mir-rikorrenti hija dik kontemplata fl-Artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan johrog kemm mill-fatt li l-att promotur huwa Rikors (li mhuwiex guramentat) u wkoll mill-premessi tal-istess u t-talba ghar-revizjoni ta' whud mid-drittijiet intaxxati.

Illi r-ritrattazzjoni huwa rimedju li jinghata bhala mizura straordinarja sabiex jigi evitat li ssir ingustizzja marbutin mac-cirkostanzi tal-kaz. Illi ghandu jinghad li r-ritrattazzjoni mhux appell minn xi decizjoni ghaliex huwa fatt li jista' jsir anki wara decizjoni minn Qorti tal-Appell. Illi dan ir-rimedju jinghata biss skont ma' hemm elenkat fl-artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mill-atti tal-kawza, jidher li l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar intavolat rikors ta' ritrattazzjoni fit-13 ta' Mejju 2014 u dan ai termini tal-artikolu 811. Illi skont l-istess rikors, it-talba ghar-ritrattazzjoni saret wara li l-Qorti tal-Appell kien tat decizjoni b'sentenza fid-19 ta' Frar 2014. Illi ghalhekk il-Qorti tal-Appell kienet dahlet fil-mertu tal-kaz in kwistjoni u pronunzjat ruhha fuq id-decizjoni li kien sar appell fuqu. Illi skont l-istess rikors tal-Awtorita' ghamlet referenza ghall-artikolu 811(e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn talbet fost ohrajn it-thassir tas-sentenza mghotija tas-19 ta' Frar 2014 mill-Qorti tal-Appell (kompetenza Inferjuri).

Illi minhabba t-talba ghal ritrattazzjoni fuq decizjoni li hadet il-Qorti tal-Appell, dan kellu jinstema quddiem l-istess Qorti diversament preseduta. Illi f'dawn il-proceduri, l-Imhallef sedenti dahal fil-kwistjoni tar-ritrattazzjoni skont it-talbiet li saru mill-istess Awtorita'. Illi f'dan il-kaz, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tat-18 ta' Mejju 2016 dahlet fil-kwistjoni jekk l-artikolu 811(e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta kienx japplika dwar jekk il-Qorti tal-Appell kenitx applikat hazina l-ligi jew inkella dwar l-interpretazzjoni li tat il-Qorti. Illi mill-konkluzjoni tal-Qorti f'pagna 5 tal-istess sentenza mghotija mill-Imhallef Anthony Ellul cahad it-talba tal-Awtorita ghaliex qal li l-appell kien fuq punt ta' dritt u ma kienx sindikabbli f'kazi ta' ritrattazzjoni bhal dan izda biss jekk il-Qorti tal-Appell kienet ibbazat decizjoni fuq provediment ta' ligi minflok iehor li ma kienx il-kaz.

Illi ghalhekk, f'dan il-kaz, l-istess Qorti tal-Appell li semghet ir-ritrattazzjoni ma dahlitx fil-mertu tal-kaz izda biss fuq il-punt ta' ligi u dan skont dak li hemm fl-artikolu 811 tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ma' dan il-punt hareg ukoll mill-kontro-ezami tal-istess Emmanuel Sciriha li l-kawza ta' ritrattazzjoni dejjem tigi meqjusa fuq punt ta' dritt u ghalhekk jigi applikat l-paragrafu 15(a) tat-Tariffa E. Illi ghandu jinghad li r-ritrattazzjoni mhux appell izda procedura straordinarja u dan kif kwotat fl-istess sentenza mghotija fit-18 ta' Mejju 2016 mertu tar-ritrattazzjoni fis-sentenza **GasanMamo Insurance Limited noe vs Ryanair Limited** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Mejju 2015 fejn qalet hekk:-

> *"Jinhass utili illi qabel ma l-Qorti tikkoncentra fuq il-motivi invokati ghar-ritrattazzjoni illi tissottolinea dan il-principju fundamentali li jirregola l-interpretazzjoni tad-disposizzjonijiet kontenuti fl-istitut tar-ritrattazzjoni:-*

> *'Il rimedio della ritrattazione e' ammesso soltanto nei casi tassattivamente stabbiliti dalla legge, dovendo in ogni altro caso prevalere la stabilita` del giudicato che sola puo` mettere fine alle lite'.*
>
> *Dan ghaliex "r-rimedju tar-ritrattazzjoni hu ta' indoli straordinarja, lummeggjat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta' dan l-istitut, bil-konsegwenza logika illi r-regoli li jiggovernaw l-istess istitut huma ta' interpretazzjoni strettissima. Diversament, taht il-pretest tar-ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent ikun jista' jerga' jiftah il-kawza, u b'hekk indirettament jinholoq tribunal tat-tielet istanza".*

**Ikkunsidrat**
Illi mill-atti processwali jidher b'mod car li l-punt li tqajjem fir-ritrattazzjoni kien fuq punt ta' ligi u mhux il-mertu tal-kaz. Illi hareg bic-car anki mill-istess xhieda ta' Emmanuel Sciriha, li kawzi ta' ritrattazzjoni dejjem gew mahduma fuq il-paragrafu 15(a) tat-Tariffa E tal-Iskeda A. Illi hawn il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tar-rikorrent li kawza ta' ritrattazzjoni ghax qieghda ssir quddiem il-Qorti tal-Appell allura huwa appell. Illi kif inghad hawn fuq dawn huma proceduri straordinarji u l-Qorti ma tidholx fil-mertu tar-ragun izda tidhol biss fil-kwistjoni skont kif elenkat fl-artikolu 811 tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide:**
**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta u tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrent hekk kif dedotta fir-Rikors promotur.**

**Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**